KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tat-Tlieta u Erbgħin (43) Laqgħa b'Urgenza tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**Is-Sibt 17 ta' Frar, 2018, fil-10:30am**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

1. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**
   Kien hemm ittri ta' apoloġiji. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u l-Kunsillier Michael Camilleri informaw li ma jistawx jattendu.

2. **Financial Statements 2017**
   Is-Sindku ta' bidu għal din il-laqgħa li kienet imsejħa biex jiġu approvati l-financial statements għas-sena 2017. Għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-accountant tal-Kunsill – Michelle Camilleri. Is-Sindku ma kellux kummenti x'iżid. L-Accountant spjegat xi elementi mill-Financial Statements u rrispondiet numru ta' mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera preżenti. Fost il-mistoqsijiet kien hemm dawk dwar id-deferred income, żbilanċ, u oħrajn. Wara diskussjoni mal-Accountant dan ġie approvat minn dawk kollha preżenti.

   Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri rringrazzja lis-Sindku talli irnexxilu flimkien ma dan il-Kunsill jirranġa ħafna is-sitwazzjoni finanzjarja, li din il-leġislatura bdiet bi żbilanċ kbir. Hu kompla jgħid li kieku legislaturi ta' qabel irnexxilhom jagħmlu dan il-Kunsill ma kienx ikun f'din il-pożizzjoni. Hu rringrazzja lil Kumitat tal-Finanzi ukoll tax-xogħol li qed jagħmlu.

3. **Il- Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00a.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |